MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1134/2005

**Joseph Cuschieri (ID 258754M) u martu Carmen Cuschieri (ID 60756M)**
**vs**
**Antoine Sultana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' sebghin lira Maltin (Lm70.00), u fejn intqal :**
**Illi f'Novembru, 2003, l-atturi ftehmu mal-konvenut sabiex dan ta' l-ahhar jesegwixxi xi xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' vaska fl-ghalqa ta' l-atturi li tinsab fil-maghtab limiti tan-Naxxar.**
**Illi fid-19 ta' Novembru, 2003, l-atturi hallsu lill-konvenut is-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80) akkont ta' l-ewwel fazi tax-xogholijiet, fazi li baqghet ma tlestietx, izda li waqtha l-konvenut talab depozitu ulterjuri ta' hamsin lira Maltin (Lm50) ghall-ispejjez**

**relatati mat-tieni fazi, hlas li sar mill-atturi lill-konvenut.**
**Illi l-konvenut abbanduna x-xoghol f'nofs l-ewwel fazi u ghaldaqstant l-atturi qed jitolbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-atturi s-somma ta' sebghin lira (Lm70), rapprezentanti ghoxrin lira (Lm20) prezz ta' xoghol ta' l-ewwel fazi mhux konkluz u hamsin lira (Lm50) mhallsa lill-konvenut akkont tat-tieni fazi tax-xogholijiet li qatt ma nghatat bidu mill-konvenut.**
**Dan wara illi minkejja illi gie nterpellat b'ittra ufficjali tal-20 ta' Jannar, 2004, debitament notifikat, l-konvenut baqa' ma hallasx.**
**Bl-ispejjez kollha, inkluzi ta' l-ittra ufficjali msemmija u bl-imghax mill-20 ta' Jannar, 2004 sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-7 ta' Lulju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma giet prezentata risposta, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70.00) bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Jannar, 2004 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Jannar, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------